# IL-PROFETI: MIN KIENU

Il-kelma 'profeta' iġġibilna f'moħħna bniedem li bid-dawl ta' Alla jagħraf x'għandu jiġri fiż-żmien li ġej. Tisma' min igħid: "Mela jien xi profeta biex inkun naf x'sa jkun?" jew inkella: "Anqas li kont profeta, ħsibtu jien li sa jkun hekk." U għalhekk il-profeti ta' żmien il-Liġi l-qadima minn għalina kienu nies imdawwlin minn Alla biex jagħarfu u jħabbru dak li kellu jiġri. Tassew li ħafna mill-profeti ħabbru dak li kellu jsir, imma l-profeti mhux dan kien xogħolhom. Mela x'kienu l-profeti? U kif tnisslet it-tifsira li aħna nagħtu lil dil-kelma?

Biex nifhmu sewwa min kienu l-profeti u x'kienet il-ħedma tagħhom fost il-poplu, jeħtieġ nifhmu sewwa l-istorja reliġjuża kollha tal-poplu ta' Israel jew tal-Lhud. Il-poplu ta' Israel fil-ħsieb ta' Alla kien il-poplu magħżul fost il-popli kollha biex iħejji t-triq tal-Messija mwiegħed lid-dinja. Il-mezzi li bihom il-poplu kellu jħejji t-triq lill-Messija kienu t-twemmin f'Alla Wieħed u ħajja skond il-liġi ta' Alla. Iżda l-poplu ta' Israel m'hux dejjem inqeda b'dawn il-mezzi. Imdawwar b'ħafna popli pagani li kellhom reliġjon li ma taqbel xejn mar-reliġjon tal-Lhud, reliġjon ta' ħafna allat u reliġjon li tagħti qima lill-allat b'għamil faħxi li jogħġob lis-sensi tal-bniedem, il-poplu Lhudi bosta drabi telaq il-fidi u r-reliġjon ta' Alla Wieħed u mar jissaħħam fir-reliġjon tal-pagani. U kif seta' l-Messija jitnissel minn poplu li ċaħad ir-reliġjon vera u waqa' fid-dlam tal-paganeżimu?

Għalhekk kien hemm bżonn ta' xi ħadd li jwissi l-poplu, jiftaħlu għajnejh biex jara l-ħażen tiegħu u jerġa' jaqbad it-triq it-tajba. U dawn kienu l-profeti; nies imħeġġin bil-fidi f'Alla wieħed, nies li jgħixu skond il-liġi ta' Alla. B'nies bħal dawn inqeda Alla biex iqajjem il-poplu tiegħu mit-tajn tal-viżżju u mid-dlam tal-qima tal-allat. U l-profeti kienu jgħallmu, jwissu, jċanfru u jheddu bil-qawwa u bla biża' l-poplu u s-slaten, fit-toroq, fit-tempju u fil-palazz tas-slaten. U l-poplu kien jisma' u jindem, imma wara ftit kien jerġa' jaqa' fl-istess dnubiet, u profeti oħra kienu jerġgħu jidhru jgħallmu, jwissu, iċanfru, u jheddu.

Il-ħidma tal-profeti kienet ġlieda bla nifs mal-idolatrija: il-poplu ma jridx jinqata' għal kollox mid-drawwiet tal-idolatrija u l-profeti ma jridu jaraw l-ebda sinjal ta' idolatrija. Naraw ftit l-istorja tal-profeta Elija biex nifhmu ftit x'kien ix-xogħol tal-profeti. Il-poplu jitbandal bejn Alla veru u l-allat ħżiena, jżomm ma wieħed u ma jridx jitlaq l-oħrajn. Elija ma jiflaħx aktar. "Jew Alla tagħna jew l-allat" kien igħidilhom, "Alla u l-allat ma jistax ikun; dak li hu veru żommu miegħu." Miraklu wera min kien Alla veru; il-poplu ra, beża' u emmen, u Elija fit-telfa ġiegħel li jinqatlu l-profeti kollha ħżiena, u mbagħad kellu jaħrab għax ir-reġina, li kienet devota tal-allat, riedet toqtlu.

U x'baqa ma għamlulux il-profeta Ġeremija talli kien irid jiftaħ għajnejn il-poplu għall-ġid? U profeti oħra kienu magħluqin il-ħabs, imsawwtin, maqtulin għax it-tagħlim tagħhom ma kienx jogħġob lill-poplu u lis-slaten.

Il-profeti ma kenux bil-fors nies tal-iskola u anqas ma kienu jieħdu l-uffiċju ta' profeta mir-razza jew min rajhom. Kienu magħżulin minn Alla u Alla kien jagħżel 'il min irid, imma dejjem wieħed qawwi fil-fidi tiegħu u li jgħix skond il-liġi ta' Alla. Is-setgħa tal-profeti kienet setgħa mogħtija lilu minn Alla nnifsu, u għalhekk il-profeti kienu jidhru quddiem kulħadd u jkellmu u jċanfru 'l kulħadd xorta waħda, slaten u poplu bla biża' ta' xejn.

Minn dan kollu naraw li l-profeti tal-Liġi l-Qadima ma kienu xejn nies li xogħolhom kien x'għandu jiġri għada u pitgħada, għalkemm dan kienu jagħmluh ukoll. Il-profeti kienu nies li jkellmu l-poplu fl-isem ta' Alla, li jwasslu l-kelma ta' Alla lill-poplu. Għalhekk il-profeti malli jibdew jitkellmu, l-ewwel kelma li kienu jgħidu kienet tkun din: "Hekk igħid il-Mulej", jiġifieri, dan li sa ngħid ġej mill-Mulej, dan mhux kliem tiegħi, imma kliem t'Alla. U dan jitwettaq minn kliem Alla stess.

Meta Alla bagħat 'il Mosè għand Fargħun, Mosè beża' u ma riedx imur beda jkewtel u jgħid li jtemtem u ma jafx jitkellem. Biex jagħmillu l-ħila Alla qallu: "Ara jien għamiltek Alla ta' Fargħun, u Arun ħuk ikun il-profeta tiegħek. Inti qegħidlu f'fommu l-kliem li jien irridek tgħid, u hu jkellem lil Fargħun" (Eż. 7, 1.2). Fi kliem ieħor, Arun ikun il-profeta ta' Mosè għax jitkellem fl-isem ta' Mosè, igħid dak li jgħidlu Mosè. Mela jekk Alla nnifsu jgħidilna xi tfisser il-kelma 'profeta', ħadd ma għandu d-dritt ibiddel dik it-tifsira. Profeta hu dak li jgħarraf il-kelma ta' Alla lill-bnedmin, u l-kelma ta' Alla tista' tkun fuq iż-żmien l-imgħoddi, fuq iż-żmien ta' issa u fuq iż-żmien li ġej.

P.P. SAYDON

---

# IL-LAĦĦAM TA' QAJSARIJA

Wieħed Lhudi minn Lidda, darba deherlu Anġlu tas-sema u ħabbru li hu, wara mewtu, kien sa jkollu b'sieħbu lil Jusef, il-laħħâm ta' Qajsarija. Dana Jusef kien magħruf bħala xerrej tal-qbiela, ħalliel u qarrieq kemm jista' jkun. Għal hekk il-Lhudi qaddis ta' Lidda qal f'qalbu: "Għandi nkun jiena, mela, sejjer l-infern. Imma, għalli jista' jkun, ħalli mmur nara sewwa!"

Għal dan, għodwa waħda, telaq minn Lidda u mar Qajsarija, biex isîb u jkellem lil dan Jusef. Sâbu, u sab li ma kienx għadu jixtri u jbiegħ il-qbiela. U kif kienu jitħaddtu, Jusef qallu dil-ġrajja: "Darba, meta kont għadni nixtri kull ma kien jiġi għal idejja, wasal ġifen, mgħobbi bil-ġid, f'Qajsarija. Xtrajt kull ma kien fih u saqsejt lil sidu kellux x'ibiegħli xi ħâġa oħra. Weġibni li kellu, imma dak li kellu kien irid ibiegħu f'marsa oħra. Saqsejtu x'kien dak li kellu, u kemm kien jiswa, u hu weġibni: "Jekk trid tixtrih, ixtrih bla ma tarah; u rrid tiegħu erba' mitt deħba, jekk ma tridx, xejn ma ġara. Inbiegħu f'marsa oħra".

Meta smajt dal-kliem, fhimt li fil-maħżen tal-ġifen kellu l-lsiera. Għal hekk tajtu l-flus li talab bla ma qagħadt niġġebbed miegħu. Hu fetaħli l-maħżen u ħariġli minn hemm mitejn ilsir, li ħadthom dâri, ħsilthom u biddiltilhom, tamjthom u sqejthom, u bgħatthom darhom. U hekk il-Lhudi ta' Lidda għaraf kemm kienet ħaġa għal qalb Alla li tagħmel il-ġid lill-għajrek.